**82. Il-Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Illi sakemm il-Kamra taġġorna għall-vaganzi tas-sajf, il-Kamra tista' tiltaqa' nhar ta' Ħamis wkoll meta jsir xogħol biss tal-Gvern.

Illi meta l-Kamra tiltaqa' fil-għodu, hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m. u mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri mhux aktar tard mid-9.30 a.m. u l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jkun fl-12.00 a.m.

Illi żewġ seduti jistgħu jinżammu fl-istess ġurnata, waħda fil-għodu u l-oħra wara nofs inhar tal-istess ġurnata.

Illi fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol Mr Speaker jew iċ-Chairman tal-Kumitat jgħaddi minnufih għal mistoqsija fuq riżoluzzjonijiet jew mozzjonijiet kif ukoll dwar xi stadju ta' Abbozz ta' Liġi jew fuq il-klawsoli li jkun baqa' fl-istadju ta' Kumitat mingħajr diskussjoni.

Iżda Ministru jista' jressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni, u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat dwar emendi proposti minnu, u f'dan il-każ dawn l-emendi jitqiegħedu wkoll għall-vot mingħajr diskussjoni.

Illi l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu, jittieħdu fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol u l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li tintalab waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

30.06.1988